# L-ANĠLU L-IKĦAL

Is-Sinjura Lwiża kienet titgħaxxaq tgħid il-ħrejjef lil binha Pawlinu, ġmiel ta' tifel mibrum, xuxtu qisha ħjut tad-deheb melsin u ħaddejh ħawħin, imlewnin bis-saħħa. Fost l-oħrajn kienet tħobb tgħidlu l-ħrafa ta' l-Anġlu l-Ikħal, l-Anġlu sabiħ li jħobb ħafna t-tfal, jimxi magħhom, jaqbeż u jilgħab magħhom, iċapċap idejh bil-ferħ kull meta jagħmlu xi ħlejqa li togħġbu, għalkemm dejjem bla ma jidher. Pawlinu kellu xewqa kbira jara lil dan l-Anġlu, u darba waħda, waqt li kien għadu lubien (1) fis-sodda, jilmaħ bħal dawl kbir, qisu

dak id-dawl li f'xi għodwiet jinfirex fuq l-idjar tal-belt minn bejn sħaba u oħra. U f'dan id-dawl kbir deherlu l-Anġlu l-Ikħal. Dak ġmiel ta' Anġlu! Dik raxxa deheb fuq ġwinħajh, u raxxa oħra lewn ikħal qisu wiċċ is-sema sajfi fuq sidru! Dawk għajnejn qawwija! x'tibda xxebbaħhom? Lill-kwiekeb? imma l-Anġlu l-Ikħal kellu xi ħaġa f'għajnejh li m'għandhomx il-kwiekeb, xi ħaġa li toħroġ mir-ruħ infisha, xi ħaġa misterjuża daqs il-baħar f'lejla qamrija, inkella daqs il-firxa tas-sema fid-difa tar-rebbiegħa.

Pawlinu, mixrub fih in-nifsu bil-għaġeb, radd is-salib u "Anġlu ikħal," qallu "Anġlu sabiħ daqs ix-xemx, xi trid minni?" L-Anġlu tbissem, fetaħ dirgħajh għamla ta' salib u "oħroġ minn friexek biex tiġi miegħi", wieġbu, waqt li bi ħlewwa kbira qabdu minn idejh, u biesu fuq fommu. Imbagħad dar lejn il-bieb tal-kmajra u "Ja bieb infetaħ fl-isem ta' Kristu", qal, "U ġisem ta' dat-tfajjel sir ħafif aktar mir-rix". U sar hekk, għax dlonk Pawlinu sab ruħu jtir bejn sema u art f'dirgħajn l-Anġlu, sa ma xaqq dawl qawwi feġġ minn sħaba bajda qoton ikebbes wiċċ l-Anġlu u jqabbad ħuġġieġa d-deheb ta' fuq ġwienħajh. Tir u tir, minn fuq palazzi għoljin, minn fuq knejjes, għelieqi u wileġ, taħt sema ħiemed kollu kwiekeb ipetptu, tir u tir qishom riħ li kabbar il-ħeffa ta' ġwienħajh għal għaxar darbiet, sa fl-aħħar, waslu fi dwejra qadima, imrekkna għad-dell ta' dukkara li kienet tiftakar min jaf kemm-il-xitwa. U qal l-Anġlu l-Ikħal lil Pawlinu "Ninżlu hawn, biex inti tara dak li m'għandek tinsa qatt f'ħajjtek." U f'daqqa waħda niżlu l-art, daħlu f'għorfa għarwiena minn ħafna ħwejjeġ meħtieġa: la nkwatri, la arloġġ, la sodda, xejn ħlief ftit ċraret mixħuta fil-qiegħa ta' l-art taparsi mitraħ, lampa b'sieqha mkissra, u gradenza qadima tajjba għall-ħruq. Fuq siġġu kien hemm mara, aktarx żagħżugħa, wiċċha bla lewn, għajnejha mitfijin u ħdejha żewġ uliedha subien jibku u jolfqu jittalbu biċċa ħobż bil-ħniena. "X'qiegħed tara?" staqsieh l-Anġlu l-Ikħal, b'rasu mniżżla qisu sogħbien. "Qiegħed nilmaħ," wieġeb it-tfajjel żewġt itfal jibku bil-ġuħ, u dawn it-tfal nafhom. Ommhom qiegħda tibki għax m'għandhiex x'tatihom jieklu. It-tfal u l-omm lebsin ħażin ħafna". U malajr l-Anġlu l-Ikħal qabad it-tfajjel minn idejh, ħadu

fejn it-tfal il-fqar u "Bushom," qallu, "għax għalkemm imċerċra dawn qishom ħutek. Missierek u Missierhom hu Alla wieħed li jnibbet il-ħxejjex biex jitma' t-tajr u l-ħlejjaq ta' l-art. Ara kemm huma fqar, neqsin minn kollox, sejjrin jorqdu bil-ġuħ u inti d-dar issib ix-xaba', ħwejjeġ tal-logħob kemm trid għax il-mamà u l-papà jħobbuk ħafna u jixtrulek kull ma tixtieq qalbek. Imma dawn m'għandhom lil ħadd ħlief il-ħniena ta' Alla.

"Missierhom iġġarraf waqt li kien jaqta' x-xewk minn irdum u miet mgħarraq fil-baħar. Igħixu b'li jiddobbaw mit-talb, u meta ma jaqalgħux jaraw il-mewt ma' wiċċhom. Tfajjel, wegħidni li meta tikber u ssir raġel tagħmel ħiltek biex tikseb il-ħobż lil min m'għandux x'jiekol, u l-ħwejjeġ lil min m'għandux x'jilbes. Itlob l'Alla jatihom il-ħobża ta' kull jum, bħalma fil-jiem kesħin tax-xitwa jikseb il-frak tal-ħobż lil pitiross." Malli temm dan il-kliem l-Anġlu ġabar ġwienħajh, radd is-salib bħala barka għal dar l-armla, u qisu berqa, intafa' fl-ajru bejn is-sħab u l-isqfa b'Pawlinu f'dirgħajh. U dak il-ħin it-tfajjel deherlu li daħal f'nagħsa ħelwa, u li malajr raġa' sab ruħu f'soddtu qalb l-ifirxa sħan, b'idejh marbutin salib fuq sidru.

L-għada malli sebaħ Pawlinu flimkien ma' ommu Lwiża telqulha għad-dwejra ta' l-armla. Dawk affarijiet sbieħ li ħadilhom lil uliedha! U kemm feraħ jarahom jaqbżu ma' dwaru, jifirħu bil-ħwejjeġ tal-logħob li tahom! U Lwiża bieset lill-armla bħal kieku oħtha, u tatha tagħmira ħwejjeġ għat-tfal u xi flus ukoll. Imbierka l-karità.

Dak in-nhar l-armla w uliedha talbu bl-aktar ħerqa biex Alla jħares minn kull deni lil Pawlinu u 'l ommu u fuq kollox ma nsewx jitolbu biex Hu jbierek l-Anġlu l-Ikħal, il-ħabib tat-tfal.

ĠUŻÈ AQUILINA

---

(1) *lubien*: bejn rieqed u mqajjem.